MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 63/2003

**Maria Carmela Vella**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi l-attrici twieldet fit-tmienja (8) ta' Gunju, elf disa` mija u tmienja u hamsin (1958);

Illi c-certifikat tat-twelid ta' l-attrici bin-numru 4293/1958 originarjament kien jindika fir-raba` kolonna taht "Ismijiet Moghtijin" l-ismijiet Maria-Carmela, Maria-Annunziata, Elizabeth, Josephine" u fil-hames kolonna taht "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem Maria Carmela biss – vide Dok. "A";

Illi l-attrici kemm Malta kif ukoll barra minn Malta dejjem kellha bhala isem li bih tissejjah l-isem Marlene;

Illi b'sentenza tas-sebgha (7) ta' Ottubru, 1997 Citaz. Nru. 3061/96 CFS, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ta' l-attrici u wara li ddikjarat li l-attrici hija maghrufa bhala Marlene Mary Carmen ordnat illi c-certifikat tat-twelid ta' l-attrici fuq imsemmi kellu jigi korrett fis-sens illi fir-raba` kolonna taht l-ismijiet moghtija, l-kliem Maria-Carmela jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem Marlene Mary Carmen u *inoltre* ordnat illi l-atti kollha u dokumenti kollha konnessi ma' l-istess attrici registrati fir-registru pubbliku jigu korretti fl-istess sens – vide Dok. "B";

Illi ghaldaqstant, bi zvista, fil-proceduri fuq imsemmija la ntalbet u lanqas giet ordnata korrezzjoni fil-hames kolonna tac-certifikat tat-twelid ta' l-attrici u lanqas ma gew indikati fic-citazzjoni u konsegwentement fis-sentenza msemmija l-atti l-ohra konnessi ma' l-istess attrici registrati fir-registru pubbliku sabiex ikunu huma wkoll korretti;

Illi ghalhekk, l-att tat-twelid ta' l-attrici huwa zbaljat u ghaldaqstant jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-**artikolu 253(1) tal-Kodici Civili** sabiex issir korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-attrici 4293/1958 fuq indikat;

Tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara illi l-attrici hija maghrufa bhala Marlene Mary Carmen u li isimha ghandu jkun Marlene Mary Carmen.

2. tordna u tiddeciedi illi c-certifikat tat-twelid ta' l-attrici numru 4293/1958 anness bhala Dok. "A" kif diga` korrett bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-sebgha (7) ta' Ottubru 1997, ghandu jigi ulterjorment korrett fis-sens illi fil-hames kolonna taht "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" il-kliem Maria-Carmela ghandhom jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem Marlene Mary Carmen u tordna illi l-atti kollha u d-dokumenti kollha konnessi ma' l-istess attrici registrati fir-registru pubbliku u senjatament

ic-certifikat taz-zwieg numru 492/1978 anness bhala Dok. “C” ghandhom jigu korretti fl-istess sens.

3. tordna u tiddeciedi illi in segwitu ghas-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tas-sebgha (7) ta’ Ottubru 1997, l-atti kollha u d-dokumenti kollha konnessi ma’ l-istess attrici registrati fir-registru pubbliku u senjatament ic-certifikat taz-zwieg numru 492/1978 anness bhala Dok. “C” ghandhom jigu korretti kif indikat fl-imsemmija sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn gie eccepit:-

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid u fl-att taz-zwieg ta’ l-attrici m’huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 19 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, a fol. 20 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2003 fejn Dr. Ronald Aquilina talab li l-process tas-sentenza ndikata fic-citazzjoni attrici (Cit. Nru. 3061/96) jigi allegat; u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum, 28 ta’ Ottubru 2003.

Rat ix-xhieda li tat l-attrici fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 1997 fil-kawza, Cit. Nru. 3061/1996.

Rat ix-xhieda li tat omm l-attrici, Josephine Meilak fl-istess seduta.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef C. Farrugia Sacco fis-7 ta' Ottubru 1997.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' l-attrici, numru 4293/1958 *stante* li l-istess attrici qed isostni li dejjem kienet maghrufha bl-isem ta' "Marlene Mary Carmen" u mhux "Maria-Carmela" kif jinsab indikat fl-istess certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess attrici, fis-sens illi gie ndikat erronjament l-isem "Maria-Carmela" meta fil-fatt l-isem korrett huwa "Marlene Mary Carmen", u dan jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti fil-kawza.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-attrici hija maghrufa bhala Marlene Mary Carmen u li isimha ghandu jkun Marlene Mary Carmen.

2. Tordna illi c-certifikat tat-twelid ta' l-attrici numru 4293/1958 anness bhala Dok. "A" kif diga` korrett bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-sebgha (7) ta' Ottubru, 1997, ghandu jigi ulterjorment korrett fis-sens illi fil-hames kolonna taht "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" il-kliem "Maria-Carmela" ghandhom jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "Marlene Mary Carmen" u tordna illi l-atti kollha u d-dokumenti kollha konnessi ma' l-istess attrici registrati fir-Registru Pubbliku u senjatament ic-certifikat taz-zwieg numru 492/1978 anness bhala Dok. "C" ghandhom jigu korretti fl-istess sens.

3. Tordna illi in segwitu ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-sebgha (7) ta' Ottubru 1997, l-atti kollha u d-dokumenti kollha konnessi ma' l-istess attrici registrati fir-registru pubbliku u senjatament ic-certifikat taz-zwieg numru 492/1978 anness bhala Dok. "C" ghandhom jigu korretti kif indikat fl-imsemmija sentenza.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda issir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha issir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------